# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021**

**Kawza Numru: 25**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 371/2021 JVC**

**Sharon Rose Attard (Karta tal-Identità: 0124001A)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Sharon Rose Attard ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

**1.** 'Illi l-attriċi Sharon Rose Attard twieldet fit-tletin (30) ta' Diċembru tas-sena elf, disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) ġewwa

Maitum, il-Filippini, u dan kif jirrizulta miċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness w markat dokument 'A'.

**2.** Illi l-esponenti żżewwġet lil Francis Attard nhar il-ħamsa (5) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) ġewwa r-Rabat, Għawdex, u dan skond ma jirriżulta mill-att taż-żwieġ bir-referenza numru mija u tnejn u tletin żbarra elfejn u erbatax (132/2014), hawn anness u mmarkat bħala dokument 'B'.

**3.** Illi t-twelid tal-esponenti huwa reġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, Valletta, Malta, fl-Atti tat-Twelid u r-Reġistru ta' Persuni Adottati, bin-numru mitejn u sebgħa u erbgħin żbarra elfejn u wieħed u għoxrin (247/2021), hawn anness u markat dokument 'Ċ'.

**4.** Illi l-att tat-twelid relattiv għat-twelid tal-attriċi Sharon Rose Attard (dokument 'Ċ') huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna ntestata "Isem u Kunjom il-Wild", isem l-attriċi huwa indikat bħala "Sharon Rose Guibao", meta fil-fatt dan għandu jkun indikat bħala "Sharon Rose".

**5.** Illi l-attriċi trid illi isimha jiġi kkoreġut b'tali mod illi fejn jinkorri l-isem "Sharon Rose Guibao" dan għandu jiġi sostitwit bl-isem "Sharon Rose".

**6.** Illi l-isem "Guibao" huwa *middle name*, u huwa separat u distint mill-*first name* tal-attriċi, dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tal-attriċi maħruġ mill-Filippini (ġia anness dokument 'A').

**7.** Illi dan jista' jiġi kkonfermat ukoll kemm miċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha (ġia anness dokument 'B'); miċ-ċertifikat tat-twelid ta' binha Tyron Attard bin-numru mija u ħamsa u sebgħin żbarra

elfejn u sbatax (175/2017) (kopja annessa dokument 'D'); mill-permess tar-residenza Maltija tagħha (kopja annessa dokument 'E'); u, kif ukoll mill-passaport tagħha maħruġ mill-Filippini (kopja annessa dokument 'F').

**8.** Illi l-attriċi trid illi jsiru d-debiti korrezzjonijiet fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, b'tali mod illi c-ċertifikat tat-twelid tagħha jiġi jaqbel mar-realtà u mal-verità, u dan stante illi l-attriċi qed ikollha diversi problemi kull meta tiġi biex tipprovdi ċ-ċertifikat tat-twelid tagħha.

**9.** Illi dan ir-rikors ġuramentat qed isir minn l-attriċi w qed jiġi kkonfermat bil-ġurament minn l-attriċi Sharon Rose Attard li għandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti suesposti.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

**1.** Tiddikjara li l-att tat-twelid bin-numru mitejn u sebgħa u erbgħin żbarra elfejn u wieħed u għoxrin (247/2021), relattiv għat-twelid ta' Sharon Rose Attard, huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

**2.** Konsegwentement tordna l-korrezzjonijiet tal-att fuq imsemmi billi kull fejn jinkorri l-isem "SHARON ROSE GUIBAO" dan għandu jiġi sostitwit bl-isem "SHARON ROSE".

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. ʹ Illi preliminarjament, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi mʹhuwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

2. Illi għandu jingħad ukoll li ai termini tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet taʹ Malta**, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

3. Illi preliminarjament ukoll, l-esponent jeċċepixxi illi l-azzjoni odjerna si tratta atti illi ġew irreġistrati mar-Reġistru Pubbliku taʹ Għawdex. In effetti, filwaqt illi l-att tat-twelid tar-rikorrenti kien irreġistrat mar-Reġistru Pubbliku taʹ Malta, l-att taż-żwieġ tagħha u l-att tat-twelid taʹ binha kienu rreġistrati mar-Reġistru Pubbliku taʹ Għawdex. In vista tal-fatt illi ai termini tal-Kapitolu 56 tal-Liġijiet taʹ Malta, Malta u Għawdex għandu jkollhom Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku għalihom, li jitmexxew minn Diretturi differenti, l-esponent huwa tal-umli fehma illi fʹtali proċeduri għandu jkun parteċipi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku taʹ Għawdex ukoll;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-każ odjern saret talba għar-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid esteru taʹ Sharon Rose Guibao Alverio u flimkien maʹ din it-talba, id-Direttur konvenut kien fornut bl-att tat-twelid esteru, liema att jinsab hawn anness u mmarkat bħala ʹDok. DRP 1ʹ. L-esponent jissottolinea illi reġistrazzjoni taʹ att taʹ stat ċivili ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet taʹ Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet dik l-informazzjoni mill-Att esteru u jirreġistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti.

5. Illi l-esponent umilment jirrileva illi mill-att tat-twelid esteru riprodott fl-att tat-twelid lokali bin-numru 247/2021, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 2', ma jirriżultax illi effettivament kien sar xi żball jew li kien hemm xi omissjoni da parti tiegħu;

6. Illi mill-att tat-twelid surreferit jirriżulta illi Sharon Rose Guibao Alverio twieldet fil-Filippini fit-30 ta' Diċembru tas-sena 1987 lil Pablo Andales Alverio u Imelda Santiso Guibao. Ir-rikorrenti in effetti tispjega illi Sharon Rose huwa l-isem illi ingħatalha, filwaqt illi Guibao huwa *middle name* – vide premessa 6 tar-rikors promotur. L-att tat-twelid tagħha bin-numru ta' referenza 247/2021 jindika preċiżament dak spjegat mir-rikorrenti, fejn il-*middle name* tagħha kien inkluż bħala parti minn isimha stante illi fis-sistema Maltija m'hemmx spazju speċifiku għall-*middle name*;

7. Illi l-esponent huwa edott illi wara ż-żwieġ, il-kunjom tan-nisa Filippini jsir il-*middle name* tagħhom, filwaqt illi kunjom żewġhom isir kunjomhom. Dan huwa kkonfermat mill-kopja tal-passaport Filippin ipprovduta mir-rikorrenti nnifisha, li tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata bl-ittra F, liema passaport jindika isimha bħala Sharon Rose, il-*middle name* Alverio, u l-kunjom Attard;

8. Illi in vista tal-premess, f'każ illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti mir-rikors promotur, u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fl-atti tal-istat ċivili relattivi, ser tinħoloq il-possibilita` ta' identita` doppja kemm-il darba Alverio ma jkunx inkluż bħala l-middle name tar-rikorrenti, li jfisser illi jkun inkluż bħala parti minn isimha fis-sistema Maltija;

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet relattivi ai termini tal-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv, *multo magis* stante illi jistgħu ikunu meħtieġa annotazzjonijiet f'atti rreġistrati f'Għawdex;

10. Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tal-attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi, li qegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'.

Rat illi fil-verbal datat 7 ta' Lulju, 2021 Dr. Sciortino ghan-nom tar-rikorrenti ddikjara li permezz tar-rikors guramentat odjern qed jintalab biss il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku f'Malta. Rat li konsegwenza ta' hekk Dr. Muscat ghan-nom tad-Direttur intimat irtirat it-tielet eccezzjoni tad-Direttur.

Rat li fl-istess verbal ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat:**

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat u wkoll dik esebita aktar recenti, partikolarment ic-certifikat tat-

twelid tar-Repubblika tal-Filippini a fol. 17 tal-process minn fejn jirrizulta li l-ewwel isem moghti lir-rikorrenti kien dak ta' 'Sharon Rose' u mhux 'Sharon Rose Guibao'. Ivverifikat mid-diversi atti esebiti li effettivament il-kelma 'Guibao' huwa kunjom omm ir-rikorrenti xebba li jidher li fir-Repubbkika tal-Filippini jigi ndikat bhala 'middle name' filwaqt li kunjom il-missier cioe' 'Alverio' jigi ndikat bhala l-kunjom tat-tarbija.

Rat ukoll mid-dokumentazzjoni tar-Repubblika tal-Filippini a fol. 37 u 38 li jidher li l-prassi hija li malli jigi registrat zwieg fir-Repubbkika tal-Filippini il-'middle name' tal-mara ma jibqax indikat bhala kunjom ommha izda jibda jigi ndikat bhala kunjom il-missier f'dan il-kaz Alverio.

Rat izda li effettivament ir-rikorrenti zzewget fil-gzejjer Maltin nhar l-4 ta' Awissu, 2014 (ara certifikat esebit a fol. 7 tal-process) u f'dak ic-certifikat jidher car li dak in-nhar ir-rikorrenti ghazlet li ma zzommx kunjom xbubitha 'Alverio' izda li zzomm biss dak ta' zewgha 'Attard'.

Rat ghalhekk li l-kunjom 'Alverio' gie mizjud bhala 'middle name' mill-Awtoritajiet Filippini wara li effettivament sehh iz-zwieg fil-Gzejjer Maltin.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti a fol. 77 u tar-ragel taghha Francis Attard a fol. 88 li primarjament spjegaw dak li gia suespost u cioe' livfil-Filippini hemm kuncett ta' 'middle name' marbut mal-kunjomijiet tal-genituri tal-persuna koncernata filwaqt li dan il-kuncett ma jezistix fil-ligi Maltija.

Illi filwaqt li din il-Qorti ma ghandha l-ebda poter fuq dak li jigi registrat fir-Repubblika tal-Filippini u ai termini ta' liema ligi dan

jigi registrat, fil-Gzejjer Maltin fejn din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni jirrizulta car li dak in-nhar taz-zwieg ir-rikorrenti kienet igorr l-ewwel isem ta' 'Sharon Rose' u mhux dak ta' 'Sharon Rose Guibao' u ma kellha fl-ebda mument il-kunjom ta' 'Alverio' bhala 'middle-name' kif qed jargumenta issa d-Direttur tar-Registru Pubbliku.
Illi mill-atti l-Qorti tqis li hareg car li l-kliem 'Guibao' u 'Alverio' jitnizzlu mill-awtoritajiet Filippini sabiex jinzamm nota tal-kunjom precedenti tal-persuna u tal-genituri taghha u mhux ghaliex dan ghandu jigi nkluz bhala 'First name' jew kunjom. In vista li l-Awtoritijiet Maltin izommu nota fl-atti taghhom ta' kunjom xbubit il-mara qabel iz-zwieg irrilevantement jekk zammitx il-kunjom ta' xebba jew le u wkoll izomm nota ta' isem il-genituri bil-kunjom b'kollox, il-Qorti tqis li mhux minnu li jekk tintlaqa' t-talba hemm biza ta' identita' doppja kif qed isostni d-Direttur intimat.

Illi l-Qorti in vista ta' dak kollu suespost tqis li t-talba sabiex isem ir-rikorrenti fic-certifikat tat-twelid taghha jigi ndikat unikament bhala 'Sharon Rose' hija legalment gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-att tat-twelid bin-numru mitejn u sebgħa u erbgħin żbarra elfejn u wieħed u għoxrin (247/2021), relattiv għat-twelid ta' Sharon Rose

Attard, huwa skorrett fis-sens li juri l-isem 'Sharon Rose Guibao' filwaqt li ghandu juri biss l-isem ta' 'Sharon Rose';

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjonijiet tal-att tat-twelid bin-numru mitejn u sebgħa u erbgħin żbarra elfejn u wieħed u għoxrin (247/2021) fuq imsemmi, billi kull fejn jinkorri l-isem "Sharon Rose Guibao" dan għandu jiġi sostitwit bl-isem "Sharon Rose".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fic-cirkustanzi tal-kaz in vista' li l-malintiz inholoq rizultat tad-dokumentazzjoni provduta mill-istess rikorrenti lid-Direttur intimat, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Lulju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Lulju, 2021**